MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 27/2008

**Michael Debono; Francis Debono f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu msefrin Theresa Azzopardi, Loreto Debono, u Antonia Grech; Rose Grima; Maria Attard; u Josephine Bonnet**

**vs**

**Carla Galea mart Joseph Hubert sive Joebert Galea u l-istess Joseph Hubert sive Joebert Galea ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2008 gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza in statu et terminis Francis Abela, Angela sive Gina mart Emanuele Santillo u Margaret mart Mario Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:-

Illi l-atturi huma l-proprjetarji u fil-pussess ta’ kamra zghira b’gabinett maghha fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex, li tmiss mit-Tramuntana mat-triq, Lvant ma’ entrata, u Punent ma’ beni ta’ Loreta Cauchi jew is-successuri taghha fit-titolu, kif murija ahjar bordurata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa u markata MD1, liema kamra u gabinett huma accessibbli minn entrata li ghandha d-dhul taghha mit-triq imsemmija.

Illi l-atturi wirtu din il-proprjeta’ minghand il-genituri taghhom Saviour u Grace Debono li mietu rispettivament fid-19 ta’ April 1988 u fit-18 ta’ Gunju 1975, u b’testment *unica charta* li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tat-13 ta’ Mejju 1975, innominaw lit-tmien uliedhom u cioe’ l-atturi bhala eredi universali taghhom [Dok MD2, MD3 u MD4];

Illi din il-proprjeta’ kienet giet debitament iddenunzjata mill-atturi ghall-fini tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u Donazzjoni tal-1973, kemm in segwitu ghall-mewt tal-omm [G449/75] kif ukoll in segwitu ghall-mewt tal-missier [G404/88] – Dokumenti MD5 u MD6;

Illi din il-proprjeta’ kienet giet mixtrija minn missier l-atturi b’zewg kuntratti li saru t-tnejn fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, wiehed tas-27 ta’ Lulju 1944 u l-iehor tat-23 ta’ Frar 1947 [Dokumenti MD7 u MD8];

Illi c-cens gravanti fuq din il-proprjeta’ kien gie mifdi mill-atturi b’cedola ta’ depozitu numru 58/2002 li saret fil-21 ta’ Marzu 2002 – Dokument MD9;

Illi dan il-fond sa minn meta gie akkwistat minn missier l-atturi fis-snin erbghin baqa’ possedut minnu sa ma miet, u wara l-mewt tieghu baqa’ u ghadu fil-pussess tal-atturi sallum;

Illi f’dawn l-ahhar xhur il-konvenuti bdew jizviluppaw l-art attigwa ghal din il-kamra u l-entrata min-naha tal-Lvant, u bdew jivvantaw drittijiet ta’ proprjeta’ fuq il-fond tal-atturi

hawn fuq deskritt billi skond il-konvenuta Carla Galea, l-istess proprjeta' kienet giet inkluza mal-bqija tal-proprjeta' li kienet akkwistat minghand il-genituri taghha Lawrence u Teresa konjugi Mejlaq b'kuntratt ta' donazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-25 ta' Gunju 2002 – Dokument MD10;

Illi minn verifiki li ghamlu l-atturi rrizultalhom li tassew il-kamra proprjeta' taghhom kienet giet inkluza fil-kuntratt ta' donazzjoni li kien sar bejn il-konvenuta u l-genituri taghha;

Illi din il-kamra bil-gabinett maghha hija fil-fatt proprjeta' esklussiva tal-esponenti u l-konvenuta Carla Galea m'ghandha ebda drittijiet fuqha;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara li l-kamra bil-gabinett hawn fuq deskritta u kif tidher ahjar murija fuq il-pjanta dokument MD1 hija proprjeta' esklussiva tal-atturi, u li l-konvenuti m'ghandhom ebda drittijiet fuqha.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2008, kontra l-konvenuti.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Illi hija tikkontesta l-allegazzjoni illi l-atturi kellhom il-pussess tal-fond meritu ta' din il-kawza ghaliex tali pussess ilu f'idejn l-esponenti, u qabilha f'idejn l-awturi fit-titolu taghha flimkien ma' terzi persuni illi huma intitolati ghal dak il-pussess, ghal mill-anqas dawn l-ahhar ghoxrin sena u aktar;

2. Illi hija tikkontesta ukoll l-allegazzjoni illi l-atturi huma proprjetarji tal-imsemmija kamra;

3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Illi l-intervenuti fil-kawza jsostnu li din il-proprjeta' tappartjeni lilhom inkwantu ghal sehem indiviz ta' wiehed minn hamsa (1/5).

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u konvenuti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li kamra bil-gabinett li tinsab fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex hija proprjeta' esklussiva taghhom u li l-konvenuti m'ghandhom ebda drittijiet fuqha.

Il-konvenuti jikkontestaw li tali mmobbli huwa fil-pussess tal-atturi ghaliex isostnu li dan ilu fil-pussess taghhom u qabilhom f'idejn l-awturi fit-titolu taghhom flimkien ma' terzi persuni ghal diversi snin kif ukoll jikkontestaw li l-atturi huma proprjetarji tal-imsemmija kamra.

L-intervenuti fil-kawza jissottomettu li huma proprjetarji ta' l-ambjenti inkwistjoni f'sehem ta' kwint indiviz.

Illi din hija azzjoni rivendikatorja. Kif inhu maghruf f'kawza bhal din l-attur irid jipprova lil hinn minn kull dubju li huwa proprjetarju tal-istess art minnu ndikata u sakemm dan isir il-konvenut ma jista' jaghmel xejn.

Illi fil-fatt l-awtur **Andrea Torrente** fil-ktieb **'Trattato Di Diritto Civile'** jispjega li *"La revendicazione (art.948 cod.civ.) e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma proprietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene". "L'attore, in*

*conformita' delle regole generali, ha l'onero di dimostrare il suo diritto; percio`, se l'acquisto non e' a titolo originario, ha l'onero di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originario. A voler andare all'infinito, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di 'probatio diabolica)". "La posizione del convenuto riguardo alla prova e' molto piu' comoda di quella dell'attore ("commodum possessionis"): egli puo' limitarsi a dire 'possideo quia possidea' ed attendere che l'attore provi il suo diritto".*

Illi din il-posizzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza nostrali fejn fis-sentenza **Alosia Fenech et vs Francesco Debono et**[1] meta inghad li:-

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Abela vs Gauci" maqtugha fl-1 ta' Dicembru 1877 (VIII.367) il-konvenut, indipendentement min-natura tal-pussess tieghu, ghandu dritt jirrikjedi, l-ewwel nett il-prova tal-proprjeta` mill-parti tar-rivendikant. Jghid a propositu Laurent (Vo.VI.160): 'e dunque il suo diritto di proprieta' che il rivendicante deve provare. Finche' non fornisce questa prova, il convenuto non ha nulla a provare: egli puo' sebare il silenzio, e vincere' la lite per cio' solo che il rivendicante non avra' provato di essere proprietario. Cio' e' universalmente ammesso dalla dottrina e dalla gurisprudenza".*

Tant huwa hekk li jekk hemm l-inqas dubju dwar il-proprjeta' tar-rivendikant, il-qorti ghandha ssostni lill-pussessur[2].

Illi l-estremi tal-azzjoni rivendikatorja kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Wisq Reverendu Kan. Giuseppe Cassar nomine vs Emmanuele Barbara et**[3] huma (1) li l-attur rivendikant jipprova li ghandu d-dominju fuq il-haga

---

[1] Prim'Awla per Imhallef William Harding deciza fl-14 ta' Mejju 1935, Vol XXIX.II.488

[2] Vide **Perit Carmelo Falzon vs Alfred Curmi,** Prim'Awla Imhallef Joseph Said Pullicino, deciza fil-5 ta'

Ottubru 1995, Vol LXXIX.iii.1257

[3] Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 198….

li huwa jrid jirrivendika u li akkwista dak id-dominju legittimament; u (2) li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-haga[4]. Dwar l-ewwel rekwizit, il-prova trid tkun pjena u konvincenti; u din il-prova ma tigix raggunta hlief jekk ir-rivendikant juri titolu car u preciz tad-dominju tieghu. Jekk ir-rivendikant ma jaghmilx din il-prova, il-konvenut ma ghandu bzonn li jipprova xejn ghax sakemm ir-rivendikant ma jaghmilx dik il-prova, il-possessur tal-haga m'ghandux bzonn jiccaqlaq u kwindi huwa tenut li jsostni l-eccezzjonijiet tieghu li jkun ta kontra d-domanda tar-rivendikant.

Illi l-versjoni attrici hija li huma ghandhom titolu derivattiv li gej mill-wirt tal-genituri taghha Salvu u Grace Debono li mietu rispettivament fid-19 ta' April 1988 u fit-18 ta' Gunju 1975. Isostnu li l-proprjeta' *de quo* giet debitament iddenunzjata fid-denunzja tas-successjoni taghhom. Isostnu wkoll li din il-kamra nxtart permezz ta' zewg kuntratti. L-atturi ressqu wkoll diversi xhieda li fosthom kien hemm persuni li xehdu li kienu jikru din il-kamra minghand missier l-atturi Saviour Debono. Oltre' dan l-atturi prezentaw ukoll cedola ta' fidi ta' cens. Din il-kamra giet inkluza f'kuntratt ta' donazzjoni bejn Lawrence Meilak u bintu l-konvenuta Carla Galea u ghalhekk l-atturi kellhom idahhlu kawzjoni kif ukoll jipprezentaw il-proceduri odjerni.

Il-konvenuti strahu fil-pussess li jsostnu li huma u l-awturi taghhom fit-titolu ilhom igawdu ghal aktar minn 20 sena. Nonostante li strahu fuq il-pussess f'certu punti pproducew ukoll provi fis-sens li din il-kamra tappartjeni lilhom in virtu' tal-kuntratt ta' donazzjoni inkwantu ghal erbgha minn hames ishma. L-intervenuti fil-kawza sostnew li huma proprjetarji inkwantu ghar-rimanenti

[4] Illi fil-fatt fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs Rita Azzopardi"** (A.C. (JSP. CAA. N.A) 27 ta' Marzu 1996 – LXXX.ii.605) inghad ukoll li *"L-azzjoni esperita mill-attur nomine hi azzjoni 'rei vendicatoria', li hi azzjoni reali li ghandha bhala oggett taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` tal-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Huwa ghalhekk li din l-azzjoni jehtieg li tigi istitwita kontra dak li attwalment ikun jipposjedi l-haga".*

wiehed minn hames ishma u jirreferu ghall-kuntratt ta' divizjoni. Il-konvenuti ressqu wkoll xhieda sabiex jissostanzjaw li din il-kamra kienet ilha snin fil-pussess taghhom.

Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghall-fatti kif ukoll jigu ezaminati d-diversi kuntratti li saret referenza ghalihom mill-partijiet:

- Saviour Debono kien mizzewweg lil Grace Debono. Huma kellhom tmint ulied li huma l-atturi f'din il-kawza u thallew bhala eredi universali tal-gid tal-genituri. Grace Debono mietet fit-18 ta' Gunju 1975 u Saviour Debono miet fid-19 ta' April 1988.

- Jirrizulta li fis-27 ta' Lulju 1944 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi[5], Francis Portelli u ohrajn bieghu lil Salvu Debono l-utili dominju perpetwu fost ohrajn "*e) mill-hamsa erba' mhux maqsumin kamra zghira li qedha fuq l-imsemmija triq Borg Gharib, Lvant ma' entrata u Punent ma' beni ta' Loreta Cauchi li qedha Ghajnsielem imsemmi".* Gie dikjarat ukoll li l-beni immobbli msemmija fl-ittri *b), c), d) u e)* huma soggetti flimkien ghal-lira (L1-0-0) fis-sena cens perpetwu pagabbli lil Toni Xuereb.

- Imbaghad fl-atti ta' l-istess Nutar fit-23 ta' Frar 1947 gie ppubblikat kuntratt iehor[6] li permezz tieghu Salvu Debono xtara minghand Marianna u Carmela Spiteri l-utili dominju perpetwu *"ta' minn kull hames parti wahda mhux maqsuma"* minn diversi immobbli kollha f'Ghajnsielem, Ghawdex fuq jew ma genb Triq Borg Gharib, fosthom *kamra zghira li qedha fuq l-imsemmija triq Borg Gharib, Lvant ma' entrata u Punent ma' beni ta' Loreta Cauchi li qedha Ghajnsielem imsemmi".* Gie dikjarat ukoll li l-beni immobbli msemmija fl-ittri *b), c), d) u e)* huma soggetti flimkien ghal-lira (L1-0-0) fis-sena cens perpetwu pagabbli lil Toni Xuereb.

[5] Dok MD7 a fol 24 tal-process
[6] Dok MD8 a fol 29 tal-process

- Meta mietet Grace Debono, l-atturi ghamlu d-debita denunzja[7] fl-10 ta' Ottubru 1975 u fost il-proprjeta' denunzjata insibu *"1/2 minn kamra zghira Ghajnsielem fuq Triq Borg Gharib u tmiss Tramuntana mal-imsemmija Triq Borg Gharib, Lvant entrata u punent ma' Loreta Cauchi".* Hemm ukoll kumment li "Din kamra wahda terrana 8 x 10 piedi".

- Meta miet Saviour Debono, l-atturi ghamlu d-debita denunzja[8] fis-17 ta' Awwissu 1988 u fost il-proprjeta' denunzjata insibu nofs minn *" Kamra zghira fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, bla numru. Faccata fiha kejl ta' circa 14-il pied u 10 piedi tul lura. Din tidhol ghaliha minn entrata fuq in-naha tal-Lvant li hi komuni ghal terzi".*

- Lawrence Meilaq (missier il-konvenuta) u martu xtraw minghand Victoria Bonnici u ohrajn permezz tal-kuntratt in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tat-8 ta' Awwissu 1994[9] *"erbgha minn hames partijiet indivizi tal-lok tad-djar bla isem u bla numru li qieghed fi triq Borg Gharib Ghajnsielem konfinanti tramuntana mat-triq* imsemmija *u lvant mal-porzjoni art gia fuq deskritta u punent ma' beni tal-familja Borg jew irjieh verjuri kif jidher fil-pjanta gia annessa".*

- Illi mix-xhieda ta' David Cassar[10] jirrizulta li Lawrence Meilaq kellu zewg applikazzjonijiet f'ismu f'sit fi Triq Borg Gharib. Applikazzjoni minnhom giet prezentata fil-21 ta' Lulju 1995 u ma kinitx tinkludi l-parti tal-art imberfla bl-ahmar fil-pjanta a fol 282 tal-process. Imbaghad saret applikazzjoni ohra fit-22 ta' Gunju 2000 u ma kien hemm l-ebda parti miz-zvilupp propost li kien jolqot il-parti mberfla bl-ahmar a fol 282 tal-process.

- Fil-21 ta' Marzu 2002 l-atturi pprezentaw cedola ta' fidi ta' cens fir-Registru ta' din il-qorti.

---

[7] Dok MD6 a fol 19 tal-process
[8] Dok MD6 a fol 19 tal-process
[9] Dok CG2 a fol 123 tal-process
[10] Senior Planning Officer mal-MEPA a fol 283 tal-process

▪ Fil-25 ta’ Gunju 2002 in atti Nutar Dottor Paul George Pisani, Lawrence Meilaq u martu taw b’donazzjoni lil binthom Carla Galea *“porzjoni diviza mill-art imsejha Ta’ Borg Gharib, fil-limiti ta’ Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta’ circa 233.07m.k., u tmiss mit-Tramuntana ma’ Triq Borg Gharib, Punent mal-fond dilapidat hawn taht imsemmi u Lvant ma’ beni tal-familja Borg, jew irjieh verjuri, kif ukoll erbgha minn hames partijiet (4/5) indivizi ossija d-drittijiet kollha spettanti lid-donanti mill-fond fi stat dilapidate bla numru fl-istess triq, u adjacenti ghall-porzjon art fuq deskritta, konfinanti mit-Tramuntana mat-triq imsemmija, Lvant mal-porzjon art fuq deskritta u Punent ma’ beni tal-familja Borg, jew irjieh verjuri, l-intier liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u bil-pussess vakanti u kif ahjar muri l-intier fuq il-pjanti u site-plan hawn annessa u markata dok. “A””.*

▪ Sussegwenti ghal dan il-kuntratt jirrizulta wkoll mix-xhieda ta’ David Cassar[11] li Joebert Galea issottometta applikazzjoni mal-MEPA fil-25 ta’ Gunju 2003[12] bi zvilupp propost ta’ bini ta’ dar u garaxx. Wara li l-istess xhud David Cassar ipparaguna l-pjanta fil-file relatat ma’ l-applikazzjoni u l-pjanta a fol 282 tal-process ikkonferma li ma giex propost zvilupp fil-parti mberfla bil-kulur ahmar indikat bhala porzjon A. Il-permess inhareg fis-16 ta’ Frar 2007. Meta imbaghad saret applikazzjoni ohra fit-28 ta’ Mejju 2007[13] mill-istess Joebert Galea li kienet titratta tibdil intern u fuq barra ghall-applikazzjoni precedenti ma kien hemm ebda zvilupp propost fil-parti mberfla bl-ahmar fil-pjanta a fol 282 tal-process.

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha prezentati u wara li kkunsidrat ix-xhieda tqis li l-atturi rnexxilhom jippruvaw dak sostnut u pretiz minnhom:

Jirrizulta li l-atturi huma l-eredi ta’ Salvu u Grace Debono. Hekk kif jirrizulta wkoll Salvu Debono kien permezz ta’ zewg kuntratti xtara kamra.

---

[11] A fol 284 tal-process
[12] Applikazzjoni Numru 3603/03
[13] Applikazzjoni Numru 3569/07

Il-konvenuti jargumentaw li l-atturi naqsu milli jgibu provi konkreti tat-titolu taghhom – tant huwa hekk li ma rnexxilhomx jippruvaw li l-kamra deskritta fid-dokumenti prezentati minnhom hija l-istess kamra li l-atturi qed jippretendu li hija taghhom u dan abbazi li l-kejl kif ukoll il-konfini tal-kamra inkwistjoni mhux jaqblu mal-kejl u l-konfini tal-kamra li ghaliha hemm referenza fil-kuntratti provduti minnhom.

Ghalhekk jehtieg li jigi stabbilit jekk l-atturi rnexxielhomx jippruvaw li l-kamra msemmija fil-kuntratti u dik indikata minnhom fil-pjanta hiex l-istess wahda.

Illi dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom huwa minnu fis-sens li l-kejl fil-pjanta Dok MD1 u l-kejl indikati fiz-zewg denunzji tal-konjugi Debono ivarja. Oltre' dan filwaqt li fil-pjanta MD1 giet ukoll indikata 'entrata' fid-denunzji ma tissemmix l-entrata izda fid-denunzja ta' Salvu Debono l-entrata hija msemmija bhala li tidhol minnha ghal gol-kamra li hi fuq in-naha tal-Lvant u li hija komuni ghal terzi. Imbaghad fid-denunzja ta' Grace Debono l-entrata fuq in-naha tal-Lvant giet indikata bhala konfini. Fil-kawzjoni fir-Registru tal-Artijiet l-atturi indikaw li *"l-art registrata f'kamra minghajr numru jew isem, kif ukoll entrata adjacenti, liema entrata hija soggetta ghal passagg favur ta' terzi…."*

Filwaqt li huwa maghruf li d-denunzja mhix prova ta' titolu madankollu ladarba proprjeta' giet denunzjata l-qorti ghanda ndikazzjoni anki tal-intenzjoni ta' min ikun ghamel tali dikjarazzjoni. Mill-provi migjuba jirrizulta li fil-kuntratti li permezz taghhom Salvu Debono akkwista c-cens ta' kamra m'hemm l-ebda referenza ghall-kejl. Fid-denunzji tal-konjugi Debono imbaghad wiehed isib li mentri f'dik ta' Grace Debono il-kejl huwa ta' 8 x 10 piedi; f'dik ta' Salvu Debono il-kejl huwa ta' circa 14-il pied u 10 piedi tul lura. Fil-kawzjoni m'hemm l-ebda ndikazzjoni ta' kejl; mentri fil-pjanta Dok MD1 prezentata mill-atturi stess indikaw li l-kamra fiha faccata ta' madwar 16-il pied u fond ta' 15.33 pied. Kwindi l-kamra ndikata fil-pjanta tidher li hija ferm akbar minn dik iddikjarata fiz-zewg denunzji tal-genituri taghhom.

Mhux hekk biss talli huwa evidenti li ghalkemm fil-kawzjoni kif ukoll f'Dok MD1 l-atturi qeghdin jippretendu li l-entrata hija proprjeta' taghhom bid-dritt ta' passagg ghaf-favur ta' terzi. Madankollu fil-kuntratti li permezz taghhom xtara l-kamra msemmija giet deskritta bhala li mil-Lvant tmiss ma' entrata. Kwindi l-entrata giet indikata bhala wiehed mill-irjiehat u mhux bhala li kienet qed tigi akkwistata minn Salvu Debono. L-istess fid-denunzji li saru mill-istess atturi. Kwindi huwa zgur li l-entrata ma tifformax parti mill-kamra.

Illi l-atturi qeghdin jippretendu li huma proprjetarji esklussivi ta' 'kamra b'gabinett'. Il-konvenuti jsostnu pero' li l-kamra z-zghira li qeghda fuq in-naha tal-Lvant tal-kamra l-kbira m'ghandhiex access dirett mill-istess kamra izda hija accessibbli biss mill-entrata. Fid-dokumenti prezentati wkoll dejjem tissemma kamra wahda u huwa inverosimili li kemm fil-kuntratti kif ukoll fid-denunzji din il-kamra thalliet barra bi zvista.

Il-konvenuti jirreferu wkoll ghax-xhieda prodotti mill-atturi – Victoria Buttigieg u Anthony Magro – li xehdu li ghamlu zmien joqghodu fil-fond u niffdu din il-proprjeta' ma' proprjeta' ohra ta' Cikku Gatt. Huma jsostnu li mill-irjiehat m'hemm ebda Cikku Gatt imsemmi.

Illi madankollu mill-kuntratti ezebiti, mid-denunzji u mill-korroborazzjoni ta' diversi xhieda li gew prodotti din il-qorti setghet tikkonkludi li l-versjoni attrici giet ippruvata. Infatti rrizulta li s-servizzi tad-dawl, l-ilma u d-dranagg f'dan il-fond kien dahhalhom ukoll Salvu Debono fiz-zmien li kien jikri dan il-fond. Irrizulta li dan il-post kien fil-pussess ta' Salvu Debono tant li huwa kera dan il-fond fuq medda ta' snin lil diversi nies.

Victoria Buttigieg[14] xehdet li hija kriet il-post inkwistjoni minghand Salvu Debono xi 38 sena qabel. Hija dejjem lilu hallset. Ftakret li s-servizz tal-ilma dahhlu huwa fiz-zmien li kienet se tikri l-post. Fl-1973 hija u zewgha emigraw lejn

[14] A fol 64 tal-process

il-Kanada ghal 3 snin. F'dawn is-snin il-kamra baqghet mikrija ghandha u hwejjigha zammithom f'dan il-post. Hija kompliet li ma baqghetx tikri wara li hija u zewgha gew mis-safar u d-dar taghha kienet lesta. Minhabba nuqqas ta' spazju kienet kriet minghand il-familja Gatt li ghandhom post zghir magenb ta' Debono, u wara li krewh fethu bieb minn ta' Debono ghal ta' Gatt bil-permess ta' Debono. Xehdet ukoll li l-kamra z-zghira fil-proprjeta' ta' Debono bdiet tuzaha bhala toilet. In kontro-ezami[15] wara li rat ir-ritratt markat Dok AM1 ikkonfermat li l-post li fih kienet tghix huwa dak fejn jidher il-bieb parti minnu mghotti bil-haxix. Hija gharrfet ir-ritratti mmarkati Dok AM2 u Dok AM4 huma zewgt ikmamar li hemm fil-post.

Anthony Magro[16], li huwa ndipendenti mill-partijiet, spjega li meta kien ghadu kif izzewweg kien qieghed ifittex jikri post sakemm jixtri jew jibni d-dar, u ohtu Cathy Sultana qaltlu li hdejn id-dar taghha f'Ghajnsielem kien hemm ghall-kiri l-post ta' Salvu Debono. Huwa zzewweg ghall-habta tal-1976/77. Huwa kera minghand Salvu Debono u dam ighix fih madwra 5 snin. Huwa xehed li dejjem kellem lil Salvu Debono ghal kull haga li kellu bzonn u c-cavetta tahilu huwa u rritornaha lilu. Billi l-post kien zghir huwa kera wkoll post iehor zghir magenbu minghand Cikku Gatt u fetah bieb li kien hemm fil-hajt bejn il-post ta' Debono u Gatt bil-kunsens ta' l-istess Debono. Meta hareg mill-post il-bieb rega' ghalqu. In kontro-ezami[17] wara li gie muri r-ritratt Dok AM1 huwa gharaf il-post ta' Salvu Debono bhala dak li tidher il-fetha b'nofs il-bieb u l-haxix fuqu. Huwa kkonferma li ghamel zmien ighix fih bejn l-1978 u 1982. Fil-post hemm zewgt ikmamar wahda minnhom kienu juzawha bhala toilet.

Illi x-xhud Loreto Gatt[18] xehed li missieru ghandu post magenb dak tal-ahwa Debono fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem. Huwa spjega li l-post ta' Debono jikkonsisti f'kamra, toilet zghir u spazju miftuh quddiem il-kamra, u tidhol ghalih minn entrata li ghandha l-bieb taghha fuq Triq

[15] Afol 173 tal-process
[16] A fol 63 tal-process
[17] A fol 177 tal-process
[18] A fol 61 tal-process

Borg Gharib. Huwa trabba faccata ta’ dan il-post. Infatti jiftakar lil Saver ‘Ta’ Brieret’ u jiftakar ukoll lil certu Buttigieg li meta kera minghand Debono huwa kera wkoll it-terran ta’ missieru u kien niffed iz-zewg postijiet flimkien billi fetah bieb. Huwa jaf ukoll il-post tal-familja tieghu u l-proprjeta’ inkwistjoni f’idejn Toni Magro li wkoll niffed iz-zewg postijiet flimkien u lil Rose Grima. Lil Salvu kien jarah diehel u hiereg meta l-post ma kienx ikun mikri. In kontro-ezami rrizulta li huwa siefer fl-1970 u ghamel 21 sena ighix barra pero’ kien imur Ghawdex kull sena u kien joqghod ghand ommu. Huwa kkonferma li nanntu Loreta Cauchi kellha incident li fih spiccat mietet ghaliex inharqet f’post li jinsab fi Triq Simirat. Xehed ukoll li lil Lawrence Meilaq qatt ma jafu fil-post ta’ Salvu Debono.

Il-konvenuti jsostnu li x-xhieda ta’ dawn il-persuni ma tistax tghin it-tezi attrici stante li dawn ix-xhieda semmew li meta kienu jikru l-post minn Salvu Debono kienu niffdu l-post ma’ ta’ Cikku Gatt u mill-irjiehat indikati fil-kuntratt m’hemm ebda Cikku Gatt. Irid jinghad izda li dawn ix-xhieda huma indipendenti mill-partijiet. Oltre’ dan kollha gharfu r-ritratt li gie ezebit mill-konvenuti.

Ukoll fix-xhieda inkontestata ta’ Joseph Azzopardi intqal li Lawrence Meilaq missier il-konvenuta kien urieh meta kien xtara l-proprjeta’ ta’ magenb il-fond inkwistjoni li kien jaf li l-fond kien jappartjeni lill-atturi u li kien se javvicinahom biex jipprova jixtrih minghandhom.

Ukoll irrizulta li Lawrence Meilaq meta kien issottometta applikazzjonijiet fil-21 ta’Lulju 1995 u fit-22 ta’ Gunju 2000 ma kien hemm l-ebda parti miz-zvilupp propost li kien jolqot dawn il-kmamar. L-istess meta applika l-konvenut Joebert Galea.

Ghar-rigward il-gabinett ix-xhieda kollha kkonfermaw li meta krew minghand Salvu Debono huma dejjem ghamlu uzu mill-gabinett u hadd qatt ma waqqafhom.

Illi l-intervenuti fil-kawza sostnew li huma proprjetarji ta’ sehem minn hamsa indiviz ta’ dan il-fond. It-tezi taghhom

hija li dan il-fond jifforma parti minn fond akbar li kellha Roza Gauci.

Din Roza Gauci kellha hamest itfal – Loreta Abela, Giovanna Debono, Antonia Cini, Giuseppa Zammit u Rosa Gauci li baqghet xebba. Uhud mill-intervenuti huma wlied Antonio Abela li missieru Duminku kien iben Loreta Abela. Angela Santillo[19] xehdet fl-affidavit taghha li n-nannu taghha Duminku kien ighid li l-post kien tal-buznanna Roza Gauci. Wara li mietet baqghet tghix gol-post bintha Rosa Gauci. Din Rosa Gauci inharqet fil-post u mietet. Wara l-mewt ta' Rosa Gauci safejn taf hija l-post baqa' vojt. Biss pero' in kontro-ezami[20] hija xehdet li Rosa Gauci ma nharqitx f'dan il-post.

Illi Victoria Bonnici[21] li hija wahda mill-persuni li bieghet sehemha lil Lawrence Meilaq spjegat li l-proprjeta' kienet gejja min-naha tan-nanna maternal Giuzeppa Gauci. Tghid li l-immobbli kien tal-buznanna Roza Gauci. Il-fond kellu n-numru 6, Triq Borg Gharib. Kienet titla' man-nanna 3 xhur tas-Sajf. Xehdet li meta ma kinitx tkun fil-post hadd mill-familja ma kien ighix hemm pero' gieli skussaw il-bieb. Xehdet li l-kamra proprjeta' tan-nanna taghha kienet it-tieni kamra u hadd qatt ma dahal fiha. Fuq in-naha tax-xellug kien hemm kamra ohra u kienu kissrulha l-bieb u bdew jaghmlu anki uzu minnha. Spjegat li nannitha kienu erbat ahwa. Kunjomha xebba kien Gauci. Hija kienet mizzewga lil Carmelo Zammit. Ohtha Carmela kienet mietet f'incendju f'Ghawdex. Hija kkonfermat li l-proprjeta' kienet akbar pero' imbaghad wessghu t-triq principali Triq Borg Gharib u l-bieb ta' barra kien biddlu l-Gvern. Tghid li nannitha qatt ma tat cwievet lil ta' Debono. Min-naha l-ohra xehdet li meta tfarfret tiftakar lil Saver joqghod fl-ewwel kamra. Xehdet ukoll li nannitha ma kinitx taghmel uzu mill-kamra fejn kien ighix Saver u l-istess il-kamra ta' magenbha. Nannitha kienet tghidilha li dawn il-kmamra kienu jiffurmaw parti mill-proprjeta' taghha u ta' hutha ghalkemm kienet tghid ukoll li ommha kienet tatha kamra. Ikkonfermat ukoll li imiss mal-kamra kien hemm gabinett.

[19] Affidavit a fol 325 tal-process
[20] A fol 352 tal-process
[21] A fol 211 tal-process

Hija ma tafx jekk Saver Agius kienx ihallas xi flus lil nannitha talli kien qieghed jaghmel uzu mill-kamra u gabinett. In kontro-ezami qalet li ma tafx kif Saver dahal fil-kamra u beda jaghmel uzu minnha u mill-gabinett. Lanqas taf li fl-ahhar tas-snin sebghin kien hemm nies ohra li dahlu minflok Saver ghax ma baqghux jitilghu Ghawdex. Hija cahdet li meta twessghet it-triq il-Gvern ha xi kmamar hlief ghall-bicca mill-kamra min-naha tax-xellug kif tidhol minn Triq Borg Gharib fejn in-nanna kienet tghid li hija l-kamra ta’ ommha u ha wkoll bicca minn hdejn il-bieb.

Ghalhekk l-intervenuti fil-kawza nonostante tali asserzjonijiet bhala prova dokumentarja ressqu biss il-kuntratt tad-divizjoni in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tat-30 ta’ Novembru 1993 fejn fil-pjanta tal-fond li gie diviz gie inkluz ukoll il-fond mertu tal-kawza odjerna. Oltre’ dan il-kuntratt ta’ divizjoni l-intervenuti ma gabu ebda kuntratt jew prova ohra li dan il-fond kien verament jifforma parti mill-assi ereditarji ta’ Rosa Gauci. Infatti la gie ezebit xi kuntratt antecedenti l-kuntratt ta’ divizjoni, la kif dan il-fond gie f’idejn Rosa Gauci u lanqas almenu d-denunzji ta’ Rosa Gauci jew ta’ Antonio Abela.

Illi whud mill-intervenuti xehdu li gieli telghu Ghawdex ma’ xi familjari taghhom u qalulhom li l-fond kien originarjament ta’ Rosa Gauci. Dan mhux sufficjenti sabiex jigi ppruvat titolu. Oltre’ dan isemmu hafna l-persuna li nharqet. Min qal li kienet Rosa Gauci li inharqet f’dan il-post biex imbaghad irrizulta li l-persuna li kienet inharqet kienet persuna differenti u nharqet f’post iehor.

Min-naha l-ohra jirrizulta li dan il-post ghal dawn l-ahhar snin ma kienx qieghed isir wisq uzu minnu. Madankollu dan ma jfissirx necessarjament li l-atturi tilfu d-drittijiet taghhom fuqu.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa’ t-talbiet attrici b’dan ghalhekk li tiddikjara li l-kamra bil-gabinett hawn fuq deskritta u kif tidher ahjar murija fuq il-pjanta dokument MD1 hija proprjeta’ esklussiva tal-atturi, u li l-

konvenuti u l-intervenuti fil-kawza m’ghandhom ebda drittijiet fuqha.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------